# Ir-Ram fil-Mużika

Jikteb Mro. Joseph Chircop fuq l-istrumenti tar-ram...



**Xi jkun strument mill-familja tar-ram?**

Qabel ma nidħol fl-istorja ta' kif l-istrumenti tar-ram oriġinaw u żviluppaw, huwa meħtieġ li nkun ċar ta' x'inhu eżattament strument tar-ram. Strument tar-ram huwa definit bħala "aerophone", li tfisser li biex iddoqq strument ta' dan it-tip trid tonfoħ l-arja fih. Il-mużiċist jipproduċi l-ħoss billi waqt li jkun qed jonfoħ b'xufftejh imqabbdin mal-bukkin tal-istrument, jivvibra xufftejh u b'hekk jibda ħiereġ il-ħoss. Dan ma jfissirx li l-istrumenti tar-ram huma neċessarjament magħmula mir-ram, għaliex dawn jistgħu jkunu magħmula minn tip ta' metall ieħor, injam, qrun t'annimal jew saħansitra għadam t'annimali.

Bl-istess mod, strumenti oħra li huma magħmula mir-ram jew metalli, bħall-flawt jew saxophone, mhumiex membri tal-familja tal-istrumenti tar-ram.

Strumenti tar-ram moderni, normalment ibiddlu t-tul tat-tubi permezz tal-valvi. Is-slide għadu jintuża sal-lum mit-trumbunisti. Metodi oħra ta' produzzjonijiet ta' ħsejjes differenti kien it-tqegħid tal-id fil-fond tat-tromba tal-qrun, li llum ġie żviluppat bħala kornu (French Horn).

Matul ir-Rinaxximent, strumenti mill-familja tar-ram, bdew jieħdu l-forma li llum imdorrijin narawhom fiha. Bejn l-1400 u l-1413, it-trumbetti bdew jiġu maħluqa fil-forma tal-ittra S. Wara dan l-istil, ġew żviluppati trumbetti bil-pajpijiet imdawra u eventwalment anke trumbetti mgħarufa bl-Ingliż bħala slide trumpets. Minn dawn l-islide trumpets ħarġu wkoll l-islide trombones xil-1450. Dan it-tip ta' strumentazzjoni, magħruf ukoll bl-Ingliż bħala sackbut, kien ta' vantaġġ qawwi fuq il-mod ta' kif kienu jindaqqu l-islide trumpets.

Id-diżinjaturi tal-istrumenti kienu ħarġu b'mod innovativ ta' kif tubi jew pajpijiet jiqsaru u jduru mal-istrument. B'hekk titnaqqas id-distanza li l-islide jkollha tiġi mċaqalqa biex jindaqqu noti differenti u fl-istess ħin, il-mużiċista toħroġlu teknika ħafna aħjar. Dan id-disinn tejjeb ir-reġistru tan-nofs ta' dan l-istrument b'konsegwenza li llum il-ġurnata, l-islide trombone, sar komuni fil-forma li nafu bih illum.

**Żviluppi tas-Seklu 17**

Fis–seklu sbatax bdew innovazzjonijiet ewlenin fit-tfassil tal-strumenti tar-ram. Madwar is-sena 1600, nies li kienu jibnu l-istrumenti ġewwa Nuremberg tejbu d-disinn tat-tromba naturali. Il-pitch tal-istrument ġie mibdul billi nkludew tgħawwiġ fil-pajpijiet għal-noti aktar baxxi. L-irfinar twettaq billi daħħlu tulijiet żgħar ta' pajpijiet li jestendu l-biċċa tal-ħalq. Mużika magħmula għal dawn l-istrumenti kienet miktuba fir-reġistru ta' fuq, fejn is-serje overtone huma aktar qrib xulxin. Dan huwa ġeneralment imsejjaħ bħala r-reġistru tal-Clarino .

Dan l-istil tal-Clarino laħaq il-quċċata qrib it-tmiem tal-1600 mill-kunċerti miktuba għat-tromba mill-kompożituri Giuseppe Torelli, Domenico Gabrielli u Giacomo Perti. Ħafna minn dawn il-biċċiet, flimkien mal-mużika minn Maurizio Cazzati u kompożituri oħra huma assoċjati mal-bażilika ta' San Petronio Balogna.

Il-Kornu kien għadu spiss jinstema' bħala strument purament mużikali matul dan iż-żmien, għalkemm il-Corno di Caccia kien użat fuq il-palk f'xi opri waqt xi xena fuq il-kaċċa. Il cor de chasse b'forma ta' ċirku saret karatteristika komuni fit-tradizzjoni Franċiża tal-kaċċa.

**Żviluppi tas-Seklu 18**

Il-kompożituri bdew jiktbu xogħlijiet għat-trumbun. Christoph Wagenseil, Johann Albrechtsberger, Michael Haydn u Leopold Mozart kollha kitbu biċċiet għal Alto Trombone. Mal-assoċjazzjonijiet sagri tat-trumbun mis- seklu ta' qabel, kien naturali minn kompożituri li, jutilizzaw t-trumbun biex jgħinu jpinġu effetti reliġjużi jew sopranaturali fl-opri lejn l-aħħar tas-seklu tmintax. Tnejn mill-eżempji l-aktar rikonoxxibbli kienu Don Giovanni u Wolfgang Amadeus Mozart bil-Magic Flute.

**Żviluppi tas- Seklu 19**

Is-Seklu 19 ra l-akbar ammont ta' letteratura u disinn fl-iżviluppi tal-strumenti tar-ram. Għalkemm hemm xi kontroversja dwar eżattament min żviluppa l-strument tar-ram bil-valvi, dan seħħ madwar

l-1826 meta tromba bil-valvi mill-Ġermanja ġiet ippreżentata ġewwa Pariġi. Din ġiet ikkupjata u tista' tgħid li ħadet il-popolarità.

Hector Berlioz kien l-ewwel kompożitur magħruf għal dan l-istrument permezz tal-overture tiegħu, Les Frans-Juges, fl-1826. Il-kurunetta (cornet) ġiet żviluppata madwar l-1828 minn Jean-Louis Antoine. Dan l-istrument ġdid malajr kiseb popolarità għal aġilità kromatika tiegħu.

**Żviluppi mis-Seklu 20 'il quddiem.**

Strumenti ta' din il-familja tar-ram baqgħu jiġu żviluppati u rfinuti fis-seklu 20. Il-kumpanija Belġjana, Mahillon, ipproduċiet il-piccolo Bb fl-1905. Dan il-piccolo ħa l-post tal-clarino trumpet u sewa ta' sostenn mużikali għat-trumbettisti, fil-kunċert ta' Bach, il-Brandenburg numru tnejn.

Il-kompożizzjonijiet għall-istrument solista li jinvolvu strumenti tal-familja tar-ram baqgħu jiġu miktuba. Per eżempju, Richard Horn, fl-1942, kiteb it-Tieni Kunċert għall-kornu.

Kunċert ieħor inkiteb minn Ralph Vaughan Williams fl-1954, din id-darba għall-Baxx.

Mużiċisti tal-istrumenti tar-ram, spikkaw l-istrumenti għal partijiet solisti aktar ma beda jgħaddi ż-żmien. Bejn l-1950 u l-1957, Dennis Brain ta spinta 'l quddiem l-użu tal-kornu qabel ma nċident tat-traffiku temmlu ħajtu. L-istess għamlu l-Franċiż, Maurice Andrè, fl-użu tat-trumbetta u l-Iżvediż, Christian Linberg fit-trumbun.

L-influwenza tal-Jazz bdiet tinħass sewwa madwar l-1920 bl-involviment tat-trumbetta u t-trumbun f'dan l-istil ta' mużika.

Żewġ persunaġġi f'dan il-qasam, li mexxew bi sħiħ 'il quddiem l-użu tat-trumbetta u trumbun fil-jazz, huma Louis Armstrong u Tommy Dorsey rispettivament.

Illum il-ġurnata, kompożituri, diżinjaturi ta' strumenti u mużiċisti baqgħu jevolvu fl-użu ta' strumenti tal-familja tar-ram.

Disinji ġodda, kompożizzjoniet u teknikajiet ta' kif jindaqqu dawn l-istrumenti, qegħdin ikomplu joħorġu l-potenzjal ta' din il-familja ta' strumenti, biex tpaxxi l-widnejn t'udjenzi madwar id-dinja.

